# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn 28 ta' Diċembru, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 1748/20TA**

**Dr. Geraldine Spiteri (KI 309477M)**

**vs**

**Sliema Creek Properties Ltd (C-77895) u Keith Attard Porthuges (KI 100281M) f'ismu u għan-nom ta' ICI Limited (C-33815) u l-Perit Karl Ebejer (KI 300386M) bin Carmelo Maria Grazia Ebejer u Maria Iris nee Farrugia imwieled Zabbar u residenti Attard**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Geraldine Spiteri (ID Card No 309477M) tal-10 ta' Diċembru 2020;

Rat id-digriet tagħha li jġib l-istess data;

Rat ir-risposta tal-intimati tat-18 ta' Diċembru 2020;

.
Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semgħet ix-xhieda tal-Periti rispettivi tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Diċembru, 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors fl-istess seduta;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed titlob illi l-intimati jiġu miżmuma kull finishings fil-fond tagħhom li jmiss mal-kumpless High Building. Dan qed titolbu peress li hija għandha tlett appartamenti fil-kumpless imsemmi li b'konsegwenza ta' dawn ix-xogħolijiet ser ikunu strutturalment effettwati b'mod li ser issofri d-danni.

Fir-risposta tagħhom l-intimati għal diversi raġunijiet jiċħdu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Kif ingħad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawża **"Camilleri vs Gove` et", deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01**: *"li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa d-dokumenti kollha esebiti markati B/1,B/2 u B/3 rispettivament. Dawn id-dokumenti ġew esebiti in sostenn ta' dak premess mill-esponenti u cioe' li hija propjetarja tal-appartamenti fuq imsemmija (ara premessa numru 3 tar-rikors promotur a' fol 1). Meta l-Qorti eżaminat dawn it-tlett dokumenti rrisultalha, li t-tliet appartamenti inkwistjoni kollha inxtraw minn Miramar Holdings Ltd (ara minn a' fol 13 sa 42). L-esponenti ma tidher imkien fil-vesti personali fl-akkwisti inkwistjoni.

Fl-affidavit tagħha r-rikorrenti tgħid hekk:

*"Jiena direttrici ta' Asteria Management Ltd ( C 55009 ) . li hija direttrici tas-Socjeta Holdings Ltd ( C 0306 ),* ***propjetarja ta' tliet appartamenti*** *cjoe numri 5.6. u 7 fil-Blokk ta' appartamenti li jgib l-isem ' High Building ' fi Sqaq Bisazza, Tas-Sliema , u dawn rispettivament fil-hames, sitt u seba' pjan, u dana permezz ta' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr, Sam Abela, datati 6 ta' April 2017 u annessi u mmarkati rispettivament Dok B/1,B/2 u B/3 mar-rikora tal-mandat."* (a' fol 53 u emfazi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti hija perplessa, kif ir-rikorrenti f'isimha personali tistqarr li hija propjetarja ta' dawn l-appartamenti meta huwa ċar li ma hiex. Jista' jkun, li għandha interess fis-Soċjeta' Miramar Holdings Ltd, u terġa' tgħid l-anqas direttament iżda permezz ta' Soċjeta' oħra, kif del resto tispjega hi stess fl-affidavit tagħha. Dan ma hux ix-xorta ta' interess meħtieġ ai fini ta' dawn il-proċeduri. Dan qed jingħad fid-dawl tal-fattispecie li rrisultaw lil din il-Qorti.

Għalhekk, anke fuq skorta tat-tagħlim ta' dawn il-Qrati, fiċ-ċirkostanzi, ma jirrisultax *prima facie*, li fil-vesti personali għandha xi pretensjoni li jistħoqqilha li tkun imħarsa bl-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni.

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija, fil-waqt li qed tirrevoka l-ordni provviżorja tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2020 qegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra tagħha.

**Mogħti kameralment illum 28 ta' Diċembru, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**